MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## S.T.O. PRIM IMHALLEF
## VINCENT DE GAETANO

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2003

Appell Kriminali Numru. 95/2003

**App Nru 95/03**

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Seychell**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Seychell talli fit-13 ta’ Frar, 2003 ghall-habta tat-8.00pm, f’Birzebuggia Road, Birzebbugia:

(1) waqt li kien qed isuq il-vettura GAC-682 qasam il-linja/i bojod kontinwi;
(2) waqt li kien isuq l-imsemmija vettura naqas li jaghmel sinjal meta kien sejjer ibiddel id-direzzjoni tieghu jew jaqbez vetturi ohra;
(3) saq l-imsemmija vettura b’manjiera perikoluza; u

(4) naqas li jobdi l-ordni legittima mghotija lilu mill-Pulizija fil-qadi ta’ dmirijietu;

Il-prosekuzzjoni talbet li l-imsemmi Seychell jigi skwalifikat mill-licenzji kollha tieghu tas-sewqan ghall-perjodu ta’ mhux inqas minn tlett xhur;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tat-2 ta’ Mejju 2003 li permezz taghha dik il-Qorti lliberat lill-imsemmi Joseph Seychell “mill-osservanza tal-gudizzju”;

Rat ir-rikors ta’ appell tal-Avukat Generali, minnu prezentat fil-21 ta’ Mejju, 2003, li permezz tieghu talab ir-revoka tas-sentenza appellata;

Rat l-atti kollha tal-kawza; semghet lid-difensuri tal-partijiet fl-udjenza tas-26 ta’ Settembru, 2003; hadet konjizzjoni ta’ l-eccezzjoni preliminari sollevata mill-appellat fl-imsemmija udjenza, cioe` tan-nullita` tar-rikors ta’ appell, peress li fit-talba jinghad li qed isir appell mis-sentenza tal-**20 ta’ April, 1999** u konsegwentement qed tintalab ir-revoka ta’ din is-sentenza (tal-20 ta’ April, 1999); ikkunsidrat:

Kwantu ghall-eccezzjoni tan-nullita` sollevata mill-appellat, huwa evidenti li hawn si tratta ta’ semplici *lapsus calami* (jekk wiehed jista’ llum juza din l-espressjoni riferibbilment ghal dak li jigi prodott u stampat bil-kompjuter). F’pagna 2 tar-rikors ta’ appell hemm indikata d-data korretta tas-sentenza liberatorja li nghatat fil-konfront ta’ l-appellat – 2 ta’ Mejju, 2003 – u hemm indikazzjoni cara wkoll ta’ liema qorti ppronunzjat dik is-sentenza, cioe` il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali – ara pagni 1 u 5 tar-rikors ta’ appell. Ghalhekk f’dan il-kaz ma hemmx l-incertezzi ravvizati minn din il-Qorti, diversament presjeduta, fiz-zewg sentenzi li ghalihom ghamel referenza l-abbili difensur tal-appellat, cioe` ***Il-Pulizija v. Joseph Cini*** u ***Il-Pulizija v. Donald Spiteri***, it-tnejn decizi fit-23 ta’ April, 1993. Fil-kaz odjern, ghalhekk, jista’ jinghad li si tratta ta’ semplici *lapsus calami*. Konsegwentement il-pregudizzjali sollevata mill-appellat Seychell qed tigi respinta.

Fil-meritu l-aggravju ta’ l-appellant Avukat Generali hu msejjes fuq l-Artikolu 413(1)(b)(vi) tal-Kodici Kriminali, u cioe` qed jilmenta li, minhabba enuncjazzjoni u applikazzjoni hazina tal-ligi, il-pulizija giet impeduta fil-kawza milli ggib xi prova li kienet indispensabbli biex issahhah l-akkuza u li skond il-ligi setghet tingieb. Dak li gara f’dan il-kaz kien li l-Pulizija Ezekuttiva nnotifikat ic-citazzjoni lill-appellat – allura imputat – <u>flimkien ma’ affidavit skond l-Artikolu 360A tal-Kodici Kriminali</u>. L-ewwel qorti, wara li sejjhet lix-xhud li kien ghamel l-affidavit – li, pero`, ma deherx ghax l-imputat ma kienx avza, skond l-Art. 360A, li ried jikkontro-ezaminah – illiberat lill-istess imputat “mill-osservanza tal-gudizzju” (formula, din, kompletament gdida ghall-proceduri penali!!) peress li kienet tal-fehma li, galadarba l-imputat ma kienx gie avzat li huwa kellu javza fil-kaz li jrid jikkontro-ezamina lix-xhud, ma kienx ikun gust li huwa jinstab hati a bazi biss tal-affidavit. In effetti l-ewwel qorti giet li injorat ghal kollox dana l-affidavit – prova li kienet indispensabbli ghall-prosekuzzjoni u li a bazi taghha biss setghet tinstab htija – u lliberat lill-istess imputat. Ir-ragunament ta’ l-ewwel qorti jinsab enkapsulat fis-segwenti zewg paragrafi:

**Illi l-imputat, nonostante li notifikat bl-atti ta’ akkuza u akkompanjanti affidavit tal-kuntistabbli xhud, ma kienx mgharraf bl-ebda mod illi kellu javza illi huwa kien bi hsiebu jikkontesta tali tahrika jekk huwa ma kienx sejjer jammettiha.**

**Konsegwentement, meta deher quddiem dina l-Qorti, l-imputat ma kellux l-opportunita` illi jezamina x-xhud kuntistabbli stante illi dan ma kienx prezenti in Awla, ghaliex hekk gie ordnat minhabba l-fatt illi huwa kien diga’ ta d-deposizzjoni tieghu bil-gurament u mhux mgharraf illi kien ser isir xi kontro-ezami.**

Bid-dovut rigward lejn l-ewwel qorti, dan hu kompletament zbaljat. Qorti ma tistax tmur oltre dak li tghid il-ligi. Desiderabbli kemm hu desiderabbli li l-imputat ikun mgharraf li jekk irid jikkontro-ezamina lill-persuna li tkun

ghamlet l-affidavit – mhux semplicement jekk ikun irid jikkontesta t-tahrika – huwa ghandu jinforma b'dan b'ittra registrata lill-Kummissarju tal-Pulizija hmistax-il jum qabel id-data ta' l-ewwel seduta, imkien fil-ligi ma hemm xi obbligu li mat-tahrika u l-affidavit ghandu jkun hemm xi avviz jew twissija f'dan is-sens lill-istess imputat. Wara kollox fil-kamp penali kulhadd hu presunt li jaf il-ligi. L-Artikolu 360A(1) jipprovdi, fit-tieni proviso, li jekk jirrizulta li ma kienx possibbli ghall-imputat li jaghti l-avviz imsemmi lill-Kummissarju tal-Pulizija fi zmien il-hmistax-il gurnata msemmija, dak l-avviz jista' jinghata fl-ewwel seduta, u x-xhud in kwistjoni jigi mharrek u kontro-ezaminat fis-seduta ta' wara. Fi kliem iehor, fil-kaz in dizamina l-ewwel qorti ma setghetx tinjora l-affidavit u tillibera semplicement ghax il-prosekuzzjoni ma ghamlitx xi haga li ma kienitx obbligata li taghmel. L-appell ta' l-Avukat Generali, ghalhekk, jimmerita li jigi akkolt. Pero`, biex l-appellat ma jigix privat mill-beneficcju tad-doppju ezami, din il-Qorti mhix ser tiddetermina l-meritu hi, izda ser tirrinvija l-atti lill-ewwel qorti.

Ghall-motivi premessi tilqa' l-appell ta' l-Avukat Generali, thassar u tirrevoka s-sentenza appellata, cioe` tat-2 ta' Mejju, 2003 fl-ismijiet premessi, u tpoggi lill-appellat fl-istess posizzjoni li kien fiha minnufih kif deher quddiem il-Qorti Inferjuri fl-udjenza tat-2 ta' Mejju, 2003, u tirrinvija l-atti lill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali biex dik il-qorti tisma' l-kawza skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------